**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Zeaid Mohamed Abuzoda**

**Kumpilazzjoni Numru: 361/2018**

**Illum, 21 ta' Ottubru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Zeaid Mohamed Abuzoda detentur tal-karta tal-identita` numru 115350A akkuzat talli:

1. Volontarjament ta n-nar lil dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, vettura, bacil jew bini iehor, gharix jew lok iehor u cioe` l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Bahar, meta hemm gew ikun hemm persuni, bi ksur tal-artikolu 316 et tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data lok u hin imsemmija qabel, ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cio diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma tisskorrix l-valur ta’ 1,164.69 ewro izda tiskorri l-valur ta’ 116.47 ewro ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkustanza attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, b’xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigata skond il-ligi mis-servizz pubbliku fil-waqt li kienu qieghedin jagixxi ghal l-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skont il-ligi min awtorita’ kompetenti u dan bi ksur ta’ Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkustanzi imsemmija qabel ma obdiex l-ordni legittima ta’ l-awtorita` jew ta’ whud inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qieghed jaghmel d-dmirijiet tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess data imsemmija qabel f’San Pawl il-Bahar lok, kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Kif ukoll talli f'San Pawl il-Bahar f'lok pubbliku jew miftuh ghal pubbliku kien fi stat ta' sakra b'mod li ma setghatx tiehu hsieb taghha nnifisha u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff), tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Akkuzat ukoll talli fid-data u hinijet imsemmija qabel, ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

8. Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Ibrahim Micallef bhala recidiv, b'sentenzi li huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra u dan ai temini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikolu 316(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 96(a) u 99A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f. Fl-artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
g. Fl-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

h. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

i. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

j. Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja (verbal tat-28 ta' Lulju 2020);

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2019 il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi qatt ma ttiehdet l-istqarrija tal-imputat u dan minhabba l-komportament tieghu.

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat hsarat li gew ikkagunati mill-imputat gewwa l-Ghassa tal-Qawra.

Xehed **PS1349 Ranier Agius** fejn stqarr li kienu rcevew telefonata l-Ghassa tal-Qawra fejn gie rraportat li kien hemm persuna fi stat ta’ sokor hdejn il-lukanda San Pawl. Sabu lill-imputat fil-gallarija tar-residenza tieghu fejn kien qed jghajjat ma’ xi nies li kienu faccata. L-imputat spicca offenda lill-Pulizija u ghalaq il-bieb minflok obda l-ordni u nizel. Il-Pulizija spiccaw fethu l-bieb ta’ isfel u raw li kellu mazza fit-tarf tat-tarag. L-imputat dar fuq Kuntistabbli 868 fejn qallu l-kliem: “*Jiena dejjem nohrog; meta nohrog infittxek u nsibek.*” Dak il-hin arrestawh fejn l-imputat beda jsabbat bis-sieq, jaghti bir-ras mal-art u jghid li l-Pulizija huma razzisti. Dak il-hin ghamlulu *search* fejn ma nstab xejn fuq l-imputat. Meta waslu l-Ghassa l-imputat spicca anki bezaq fuq Kuntistabbli 1406.

Xehed ukoll **PS1586 Ronnie Attard** li qal fis-6 ta’ Gunju gie nfurmat li kien hemm persuna fi stat aggressiv, li kien qed jiggieled man-nies u jsabbat fuq xi bibien. Huwa ma setax imur fuq il-post peress li kien fuq xoghol iehor izda meta rritorna lura l-Ghassa sema’ hafna ghajjat u kliem kontra l-Pulizija. Waqt li l-kollegi tieghu bdew jirrakontawlu x’gara, PC 1054 li kien sejjer fid-direzzjoni tac-cella tal-imputat innota li c-cella kienet qed taqbad. PC 1054 mar jigri ghall-*fire extinguisher* waqt li x-xhud mar jiftah ic-cella, qabad lill-imputat u hargu ’l barra. Ix-xhud spjega li s-saqqu u l-lizar kienu qed jiehdu n-nar. Dak il-hin l-imputat beda jxarrab wiccu fejn ix-xhud innota li l-istess imputat rema *lighter* ta’ kulur

vjola. Ix-xhud qal li gabru mal-ewwel u tefghu fil-but. Sadanittant 1054 irnexxielu jikkontrolla n-nar filwaqt li l-imputat beda jilmenta li qed jaqta' nifsu. Ghalhekk harguh fil-bitha fejn l-imputat ta daqqa ta' ponn b'idu l-leminija fuq bieb tal-*aluminium* fejn spicca kisser il-hgiega u wegga' jdejh. Minn hemmhekk ittiehed Mater Dei ghall-kura.

Inkontroezami x-xhud ikkonferma li l-prassi hija li qabel persuna tidhol goc-cella ssirilha *search*. Qal li l-imputat kien liebes flokk tac-cingi u *shorts*. Ix-xhud esebixxa rapport li gie mmarkat bhala Dok. RA1 u *lighter* (Dok. RA2).

Xehed **PC1054 Manuel Zahra** fejn stqarr li nhar is-6 ta' Gunju 2018 meta rritorna l-Ghassa tal-Qawra sab lill-imputat (li huwa gharaf fl-awla) go cella fejn innota li kien hemm nar fl-istess cella.  Dak il-hin mar ghall-*fire extinguisher* u jghajjat lis-Surgent ghall-assistenza. Kif hargu lill-imputat mic-cella x-xhud dahal fic-cella u tefa n-nar. Peress li l-imputat kien qed ibati biex jiehu n-nifs, harguh fil-bitha fejn hemm spicca ta daqqa ta' ponn lill-hgiega tal-bieb tal-bitha u kkaguna griehi fuq idejh. L-imputat baqa' jghajjat "*Allah huwa l-akbar*" u tawhom kedda biex jinfaxxawlu jdejh. Minn hemmhekk il-Pulizija eskortawh lejn Mater Dei.

Fis-seduta tad-29 ta' Awwissu 2018 id-deputat registratur ipprezenta Proces Verbal bin-numru 532/2018 redatt mill-Magistrat Dr. Joseph

Mifsud dwar hruq f'cella fl-ghassa ta' San Pawl il-Bahar nhar is-6 ta' Gunju 2018.

Xehed **PS343 Glenn Carabott** li spjega li huwa kien mar Mater Dei ghall-habta ta' nofsillejl u kif l-imputat rah beda jwahhal fih li qatalu jdejh bil-hgieg. L-imputat beda jghajjat lix-xhud u anki lill-Pulizija l-ohra. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla.

Xehed ukoll l-**Ispettur Godwin Scerri** li esebixxa l-fedina penali tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. GS3 u kif ukoll sentenza moghtija fil-5 ta' Novembru 2015 (Mag. Dr. Anthony Vella) li giet immarkata bhala Dok. GS4. Permezz tal-istess sentenza l-imputat gie kkundannat ghal sena prigunerija sospizi ghal tliet snin.

Xehed **Dr. Mario Scerri** li esebixxa rapport li gie mmarkat bhala Dok. MS1. L-espert mediku qal li kien ezamina lill-imputat gewwa l-isptar Mater Dei fejn ra li kien dahal b'livell gholi ta' *blood alcohol* u kellu wkoll tbengil u lezjonijiet fuq is-swaba tal-id ix-xellugija li kienu kompatibbli ma' lezjonijiet li jistghu jibqghu bhala marka vizibbli fejn skont ix-xhud dan seta' gie kkawzat minn hgieg miksur.

Xehed **PC 1331 Darren Debattista** li bhala *scene of crime officer* gibed diversi ritratti tal-hsarat li gew ikkagunati gewwa l-Ghassa – (Dok. DD1).

Xehdet il-psikjatra **Dr. Maria Axiak** li ezeminat l-istat tal-imputat ai finijiet tal-helsien mill-arrest. Hija kkonfermat li l-imputat ma jbati mill-ebda kundizzjoni psikjatrika u di fatti huwa jkun aggressiv meta jkun taht l-effett tal-alkohol u tad-drogi. Hija pprezentat rapport li gie mmarkat bhala Dok. MA1.

Xehed **David Borg Saydon** li qal li meta mar fic-cella sab zewg saqqijiet mahruqin u hsara fuq il-hajt tac-cella. Huwa qal li ma kien hemm l-ebda *switches* jew affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-elettriku u ghalhekk ma kien hemm xejn li seta' jikkawza n-nar accidentalment. Ix-xhud ipprezenta rapport li gie mmarkat bhala Dok. DBS1 fejn gie konkluz hekk: *"Ghaldaqstant, dan il-kaz qieghed jigi konkluz bhala wiehed mhux accidentali, izda nar li tqabbad apposta ghad-dannu tal-korp tal-pulizija ta' Malta."*

Xehed ukoll **John Sacco** li spjega li ghamel *download* ta' telefon cellulari ta' WPC 401 li kien ha ritratti tac-cella. Gie nominat ukoll sabiex jisma' x-xhieda ta' sitt membri tal-Korp. Ir-rapport tieghu gie esebit bhala Dok. JS1.

Xehed **PC312 Joseph Sultana** li qal li gie mqabbad sabiex jeskorta lill-imputat (li huwa gharaf fl-awla) lejn l-isptar. Zied jghid li l-imputat beda joffendi kemm lill-Pulizija u anki lix-xufier tal-ambulanza u n-*nurse*.

Beda wkoll jirrezisti lil kulhadd u anki jipprova jaqta' l-punti. Ix-xhud qal ukoll li ghalkemm kienu bosta Pulizija xorta wahda ma setghux jikkontrollawh.

Xehed ukoll il-**Perit Mario Cassar** fejn esebixxa rapport li gie mmarkat bhala Dok. MC1. Il-Perit qal li gie nkarigat sabiex jaghti stima tad-danni kkawzati fejn qal li jammontaw ghall-€220.

Xehdet ukoll **WPC337 Lorna Spiteri** li spjegat li waqt li l-imputat (li hija gharfet fl-awla) kien fic-cella huwa beda jipprova jiftah il-firroll u ghalhekk marret mac-cella ma' WPC401 biex jghalqu l-firroll u sadanittant l-imputat beda johrog idejh ghalihom mic-cella. Meta wasal is-Surgent 1586 hija infurmatu b'dan kollu u bl-agir aggressiv tal-imputat. Hija kompliet taqdi n-nies izda rat lill-PC1054 jaqbad il-*fire extinguisher* u wara semghet hoss ta' hgieg jinkiser. Qalet li marret tittawwal u rat lill-imputat mal-art b'idejh bid-demm. L-agir tal-imputat iddeskrivietu bhala wiehed aggressiv fejn kien qed isabbat, jghajjat u joffendi lill-Pulizija bil-familjari taghhom.

Xehed **PC 1553 Francesco Mizzi** li sab lill-imputat fuq sodda gewwa l-isptar Mater Dei. Iddeskriva lill-imputat (li huwa gharaf fl-awla) bhala aggressiv hafna. Skont ix-xhud l-imputat beda jghajjar lill-Pulizija razzisti u li qed isawtuh. Imbaghad wasal PS 343 fejn l-imputat bezaqlu u beda

jghajjat mieghu u joffendih. Minn hemmhekk gabu *prison van* u haduh il-*lock up*.

Xehed ukoll **PC 1386 Justin Falzon** li qal kien gie ordnat jassisti lil PC 1553. Meta wasal l-imputat kien diga` fic-cella tal-*lock up* gewwa l-Furjana. Ix-xhud qal li waqt li kien fic-cella l-imputat kien qed jghid li l-Pulizija huma razzisti u li kien ser ippatiha lis-Surgent PS343 Glenn Carabott.

Rat illi bhala provi difiza l-imputat ressaq lil David Borg Saydon u lill-Perit Mario Cassar inkontroezami.

L-espert **David Borg Saydon** inkontroezami qal li kien hemm bizzejjed ossignu u arja fic-cella sabiex jippropoga n-nar. Ikkonferma wkoll li la darba l-bieb tac-cella kien maghluq allura n-nar kien jibqa' konfinat fic-cella u peress li kien hemm hajt tal-gebel u bieb tal-hadid in-nar ma setax jigri.

Il-**Perit Mario Cassar** inkontroezami qal li peress li l-hajt kien miksi ma jistax jghid jekk il-hajt kienx tal-gebel jew tal-*bricks* pero` qal li peress li ilha mibnija xi hamsa u tletin sena l-probabbilta` hija li c-cella hija mibnija bil-gebel.

**IKKUNSIDRAT** illi l-ewwel (1) akkuza hija bbazata fuq l-Artikolu 316 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tghid is-segwenti:

> ***"Kull min volontarjament jagħti n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, vettura, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta hemm ġew ikun hemm persuna fil- waqt tal-ħruq, jeħel meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal għomru:***
>
> ***Iżda, jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel -***
>
> ***1. (a) jekk huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena;***
> ***2. (b) xort'oħra, il-piena ta' priġunerija minn erba' snin sa disa' snin."***

Illi kif argumenta ben tajjeb l-avukat difensur l-Artikolu 316 tal-Kapitolu 9 jikkontempla ghall-hruq ta' binja meta jkun hemm xi haddiehor f'din l-istess binja meta fil-fatt kif sar l-incident *de quo* dan certament ma kienx l-animu tal-imputat ghaliex fl-ewwel lok huwa haraq saqqu mhux il-binja u fit-tieni lok; ghalkemm kien hemm prezenti ufficjali tal-pulizija fl-ghassa u cioe' barra c-cella; l-istess imputat kien l-uniku prezenti fic-cella meta huwa qabbad is-saqqu liema nar ma setax ikompli jinfirex hlief li joqtol lill-istess imputat kif xehdu l-istess esperti nominati fl-inkjesta. Ghaldaqstant l-animu tal-Artikolu 316 tal-Kapitolu 9 ma setax jigi milhuq f'dan il-kaz. Illi jinghad illi l-Artikoli sussegwenti ma humiex komprizi u

nvoluti ghaliex dawn huma reati minnhom nfushom fil-pieni ghal kull reat.

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza u cioe' dak tal-hsara volontarja jinghad illi gialadarba ma ngabitx il-prova tal-hsarat effettivi mela din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din l-akkuza ghaliex kull piena fis-sub-paragrafi tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 hija marbuta mal-ammont tal-hsara.

A rigward it-tielet (3) akkuza u cioe' dik tal-insibordinazzjoni bi vjolenza taht l-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 dan jistipula s-segwenti:

> ***"Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati -***
>
> ***1. (a) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000);***
>
> ***2. (b) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn tlieta min-nies jew aktar, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa***

***tliet snin u għal multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (5,000) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (15,000)."***

Illi dan l-Artikolu jispecifika espressament li jrid ikun hemm l-attakk jew rezistenza bi vjolenza biex l-imputat jinstab hati taht din l-akkuza. Illi fl-ebda lok mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li dan gie ppruvat. Huma kollha jispjegaw kemm l-imputat kellu atteggjament aggressiv u beda jghajjarhom izda hadd minnhom ma ddikjara li l-imputat hebb ghalihom jew ghamillhom xi griehi.

Illi a rigward l-akkuza numru erbgha (4) jinghad illi bl-agir u l-atteggjament tal-imputat li kien aggressiv u jghajjar lill-pulizija u anke kollha jammontaw ghal tfixkil fl-operat tal-pulizija u ghalhekk din l-akkuza hija ppruvata.

Illi a rigward il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi jinghad illi meta l-pulizija marru San Pawl il-Bahar fejn ir-residenza tal-imputat u meta dan beda jghajjat u kien fis-sakra, dan kien fl-appartament tieghu u ghalhekk ma jistax jigi kkunsidrat lok pubbliku u l-anqas il-ksur ta' buon ordni.

Illi ghaldaqstant l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistax jigi applikat meta imputat ikun misjub hati biss ta' kontravenzjoni. L-istess jinghad ghall-addebitu tar-recidiva ghaliex l-Artikolu 49 ma japplikax ghall-kontravvenzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 338(ee) u 12(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil Zeiad Mohamed Abuzoda hati biss tar-raba' (4) akkuza u tikkundannah ghal xahrejn (2) detenzjoni filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha stante li ma gewx ippruvati.

Inoltre' u a bazi tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat Zeiad Mohamed Abuzoda sabiex ihallas is-somma ta' elf disa' mija u sitta u ghoxrin ewro u dsatax il-centezmu (€1,926.19) bhala spejjez peritali naxxenti mill-atti tal-inkjesta pprezentata fl-atti.

_______________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**